**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TNAX**

**4 ta' Mejju, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**12.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

12.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia u dak ta' Triq it-Torri tlesta.

Il-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li Triq Dun Gejt Muscat għada mimlija żrar u trabijiet u jeħtieġ li l-kuntrattur ikun infurmat ħalli jnaddaf l-akwata. Hu esiġa ukoll li x-xogħol ikun ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill qabel jitħallas ix-xogħol u jiġi kkonfermat li ma jerġgħax joqgħod l-ilma f'xi post ieħor.

Kien hemm qbil fuq dan.

12.1.2 Ġew approvati l-minuti tal-hdax -il seduta ta' din il-leġislatura.

**12.2** *Attivita' – Tieġ Tradizzjonali Malti*

12 .2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia laqa' lir-rappreżentanti mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, li ser ikunu nvoluti fl-attivita' tad-9 ta' Mejju, 2015 – It-Tieġ Tradizzjonali Malti.

Iċ-Chairperson ikkonferma li l-Kumitat Amministrattiv, barra s-somma li ser jingħata ta' €2,500 ser joħroġ ukoll l-ispejjeż ta' bilboard, tindif, mobile toilets, permessi u dawl. Hu nforma lil dawk preżenti li ser issir konferenza stampa fuq l-attivita', nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju, 2015 fis- 13:00, fl-uffiċċju tal-Kunsill.

12.2.2 Ir-rappreżentanti mistiedna nfurmaw li waqt l-attivita' tat-Tieġ tradizzjonali malti, ser jerġa jinfetaħ il-palazz tal-Misraħ u għal din is-sena ser ikun hemm personaġġi ġodda u xeni differenti mis-soltu.

Fl-attivita' ser ikun hemm għana, banda, żfin mill-grupp Imnarja(minn Għawdex), kitarristi u wirjiet ta' artiġjanat, fost l-ikel tradizzjonali Malti, li ser jinkludi imwejjed bil-bigilla, patata l-forn u zalzett malti.

Iċ-Chairperson irringrazzja lil dawk preżenti u esiġa li sal-għada tal-attivita' f'nofsinhar irid ikun hemm kollox żarmat, sabiex ma jkunux ta' ostaklu għall-attivita' li ser issir wara t-Tieġ Tradizzjonali Malti.

**12.3** *Attivita' – L-artiġjanar fiż-Żurrieq*

12.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia laqa' lir-rappreżentanti mil-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria li ser ikunu nvoluti fl-attivita' L-Artiġjanar fiż-Żurrieq li ser issir s-Sibt 16 ta' Mejju, 2015.

Iċ-Chairperson ikkonferma li l-Kumitat Amministrattiv barra s-somma li ser jingħata ta' €2,500 ser joħroġ ukoll l-ispejjeż ta' bilboard, tindif, mobile toilets, permessi u dawl. Hu nforma lil dawk preżenti li ser issir konferenza stampa fuq l-attivita', nhar l-Erbgħa 13 ta' Mejju, 2015 fis- 13:00, fl-uffiċċju tal-Kunsill.

12.3.2 Rappreżentanza mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria, nfurmaw li l-qofol tal-attivita' ser tkun wirja ta' artiġjanat minn residenti Żrieraq, biex jintwera t-talent tal-istess Żrieraq. L-artiġjanat ser ikun maħdum saħansitra waqt l-attivita' stess.

L-artiġjanat ser jinkludi xogħol minn sulfarini, bizzilla, glass painting, ganutell u rakmu.

Ser ikun hemm ukoll daqqaqa Għawdxin  u banda u grupp medjevali li ser jinkludu ġlieda bejn it-torok u l-kavallari.
Ser ikun hemm ikel malti li jinkludi ravjul, pulpetti, bebbux, ħobż biż-żejt u kirxa bil-patata l-forn.  Ser ikun hemm ukoll bar bl-imbid u bejgh ta' ħut frisk.

Il-Kumitat Amministrattiv iffirma ittra li tikkonferma li l-armi li ser ikunu nvoluti fil-wirja ser jintużaw għal-wirja biss u ser ikunu sorveljati.

12.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia fakkar liż-żewġ rappreżentanza li għal waqt l-attivitajiet ikun hemm bżonn ambulanza għal dak li jista jinqala.

**13.4** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

13.4.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bozoz maqtugħa fi Triq Dun Gejt Muscat.

Il-membru Marilyn Sammut infurmat li fit-triq tal-ġemb taċ-ċimiterju hemm id-dawl maqtugħ.

Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.

***13.5*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

13.5.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.30pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' **Ġunju**,  2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju EŻekuttiv**